MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 944/2009

**WE Advertise Ltd (C31536)**

**Vs**

**Joseph Cutajar ezercenti fil-kummerc bl-isem ‘Dynamic Promotions’**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta’ Novembru 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn tlett mija u sittin Euro (€2,360), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra n-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut Joseph Cutajar ipprezentata nhar id-9 ta’ Dicembru 2009, li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici kollha fil-vertenza msemmija.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, anke fuq l-ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn tlett mija u sittin Euro (€2,360) bl-imghax legali kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------